KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Ħamsa (5)***

***L-Erbgħa, 18 ta' Settembru, 2019***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm).

**PREZENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
IL-VICI SINDKU CHRISTINE DALLI
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER ANREAS GATT
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**5.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

5.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji

**5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

5.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 4 li nzammet nhar it-Tlieta, 20 ta' Awwissu 2019.

5.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 4 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

5.2.3 **Mozzjoni 05-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 4.

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 4 gew approvati unanimament.

**5.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 5 (08) – Settembru 2019***

5.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 05(08) biċ-ċekkijiet numru 6687 sa 6717 li tammonta €20,299.24

5.3.2 Rigward *cheque* Numru 6705, is-Segretarju Ezekuttiv qalet li se jigi ccekjat ix-xoghol li sar fuq il-gradi fi Gnien il-Kunsill u c-*cheque* jinhareg wara.

5.3.2 **Mozzjoni 05-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 05(08) bl-ammont ta' €20,299.24

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 05(08) giet approvata unanimament.

## 5.4 Korrispondenza

5.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li t-tender tal-knis jinsab *online* u ghaldaqstant ghandu jigi mahtur il-Bord ta' evalwazzjoni ghat-Tenders. Il-Membri tal-Kunsill kollha urew l-interess li jkunu parti mill-Bord tal-Evalwazzjoni. Ghaldaqstant il-Kunsill approva.

5.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li is-sistemi ta' *cameras* li ghandna installati mhumiex viabli minhabba li jridu ammont sostanzjali ta' *internet* biex jiffunzjonaw u jridu anki *computer* ghalihom. Il-Kunsill qabel li jingieb *internet* iktar b'sahhtu ghalihom.

5.4.3 Tressqet korrispondenza minghand id-Dipartiment ghat-Tismija tat-Toroq fejn qalulna li l-isem ta' Triq G.M.Farrugia gie ppubblikat fil-Gazetta tal-Gvern fil-25 ta' Awwissu 1989.

5.4.4 Tressqet kwotazzjoni sabiex isiru ir-*road markings* fi Pjazza San Gorg. Din il-kwotazzjoni tammonta ghal €1962.99 flimkien ma kwotazzjoni ghall-tabelli li tammonta ghal €403.56. Il-Kunsill qabel li qabel issir nistennew li jkollna zewg kwotazzjonijiet ohra.

*Il-Kunsillier Keith Fenech talab li jkun skuzat (18:13)*

5.4.5 Rigward il-meter tad-dawl fil-Pjazza, l-Enemalta wiegbu li jaghmlu biss meters temporanji u mhux permanenti. Il-Kunsill qabel li japplika ghall-*meter* temporanju li dan jigi mgedded kull 6 xhur.

5.4.6 Tressqet korrispondenza dwar PA 4682/15. Il-Kunsill qabel li l-pozizzjoni tieghu ghandha tibqa li l-bini ma jistax jitla iktar mill-bini li hemm sabiex ma jkunx *eyesore*. Rigward is-smiegh tal-kaz fil-PA il-Kunsilliera Rose Agius se tattendi.

*F'dan l-istadju, il-Laqgha tal-Kunsill giet sospiza (18:55). Il-Laqgha tkompliet fis-19:15.*

5.4.6 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex isir tindif fiz-zona taz-zebbug. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni li ssir din l-attivita u l-Kunsill jiehu hsieb li jigbor l-iskart li jingabar.

5.4.7 Fuq talba tas-Segretarju Eżekuttiv, il-bilanċ tal-leave ta' din is-sena attwali li mhux meħud minħabba esiġenzi tax-xogħol u li jammonta għall-78 siegħa, jiġi trasferit għas-sena 2020. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.5 Trasport Pubbliku

5.5.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar Rotta Numru 135 li taghddi minn Triq il-Gudja, Triq San Filippu u Triq G.Demicoli. Il-Kunsilliera Rose Agius pproponiet li l-Kunsill jikkunsidra li din ir-rotta tibda taghddi biss mill-Bypass ta' Hal Ghaxaq. Dan minhabba li mit-toroq li taghddi tohloq hafna ostaklu. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li isir meeting

sabiex jigi identifikat kemm din ir-rotta qed tintuza, f'kaz li ma tintuzax, nikkunsidraw li titnehha u taghddi mill-Bypass biss.

*F'dan l-istadju tal-laqgha attenda il-Kunsillier Keith Fenech (19.28)*

**5.6 Laqgha tal-Lokalita'**

5.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li skond l-emendi fil-ligi, issa l-Kunsill huwa obbligat li jaghmel laqgha Pubblika fejn jigi diskuss il-Pjan ta' Hidma tal-Kunsill Lokali ghall-hames snin li gejjin.

5.6.2 Il-Laqgha Pubblika se ssir it-Tlieta 15 ta' Ottubru 2019 fil-5.00pm

**5.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

5.7.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-*Bus Shelter* li hemm quddiem l-iskola fejn propona li jitnehha u jitpogga bil-Bypass. Dwar dan il-Kunsill qabel.

5.7.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex tinfetah ufficcjalment it-triq fi Sqaq Numru 2. Ma din ghandha wkoll titressaq it-talba sabiex tinfetah Triq Wenzu Dalli. Dwar dan il-Kunsill qabel.

5.7.3 Is-Sindku Darren Abela qal li ghamel lista ta' toroq sabiex tigi diskussa ma Infrastructure Malta dwar l-istat tat-toroq gewwa l-lokalita' taghna.

5.7.4 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li sal-laqgha li jmiss ghandu jigi diskuss fejn jista jigi propost li jsiru l-cameras ghas-sigurta jew ghall-abbuz ta' rimi ta' skart illegali.

5.7.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li tibda l-hidma sabiex isir gemellagg. Hadd mill-Kunsilliera ma kellu ebda oggezzjoni.

5.7.6 Is-Sindku Darren Abela ppropona li r-rahal jigi maqsum f'zoni u kull kunsillier ikun responsabbli miz-zoni tieghu.

5.7.7 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda disinn ta' monument li kien propost li jsir snin ilu. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm xi sit fejn jista jitpogga nitkellmu dwar din il-proposta fil-laqghat li jmiss.

5.7.8 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba minn persuna li tixtieq taghmel monument bit-tema tal-Familja. Il-Kunsill m'ghandu ebda oggezzjoni izda ghandu jinghata d-disinn biex il-Kunsill ikun f'pozizzjoni li jsib l-post fejn dan il-monument jista jitpogga.

5.7.9 Is-Sindku Darren Abela ppropona li Triq il-Wilga issir *one way*, id-dhul ghandu jsir minn Triq ir-Rebbiegha filwaqt li l-hrug isir minn Triq il-Qattus. Il-Kunsill qabel li jressaq it-talba lill-TM.

5.7.10 Is-Sindku Darren Abela ppropona li tinbidel ix-xibka tal-ground tal-5 –A-Side, il-bicca ta' wara l-lasti. Il-Kunsill qabel.

5.7.11 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir bankina zghira fi Triq il-Gebelin. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li t-triq hija dejqa wisq u ma tippermettiex li ssir bankina.

5.7.12 Is-Sindku Darren Abela staqsa dwar il-bibien tal-bandli. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru tal-injam.

5.7.13 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba fejn qal li l-pitch tal-bocci iridu jaghddu l-pipe tad-dranagg. Ghaldaqstant peress li l-Kunsill ghandu bzonn jghaddi pipe tad-dranagg, is-Sindku ppropona li jitqabbad ma taghna biex issir trinka wahda minflok tnejn. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

5.7.14 Is-Sindku Darren Abela li ssir il-bankina ta' quddiem il-bandli u l-iskola. Il-Kunsill qabel li ghandha tingieb stima.

## 5.8 Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri

5.8.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli ppproponiet li jitrangaw il-hitan tas-sejjieh fi Triq il-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel li jintbaghtu l-haddiema taghna.

5.8.2 Il-Kunsilliera Rose Agius ppproponiet li jinghata ftit konkos fi Trejqet Santu Kristu. Il-Kunsill qabel li jkellem lil Infrastructure Malta.

5.8.3 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm hafna qtates jigru barra fi Triq Dun Guzepp Naudi. Il-Kunsill se jaghmel rapport lill-Annimal Welfare.

5.8.4 Il-Kunsilliera Rose Agius tkellmet dwar allegat serq li qed isir fuq anzjani fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li jsir rapport lil pulizija.

5.8.5 Il-Vici Sindku Christine Dalli ppproponiet li jigu identifikati zoni fejn jistghu jinzerghu il-fjuri.

## 5.9 Mozzjonijiet

5.9.1 Annessi mal-Minuti

## 5.10 Tmiem tal-laqgha u d-data tas-seduta li jmiss

5.10.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar It-Tlieta 15 ta' Ottubru fil-5:30pm.

Il-Laqgha ntemmet fit-8.45pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 5**

**Mozzjoni Ref:** 05-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 4

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli** | **Rose Agius** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 18 ta' Settembru 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 5**

**Mozzjoni Ref:** 05-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-iskeda ta' Pagamenti Nru 05(08)

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Andreas Gatt** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 18 ta' Settembru 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**